MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2014

Numru. 893/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Stephen Naudi**

**Kumpilazzjoni Numru: 893/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Naudi, iben Joseph u Giorgina xebba Theuma, imwieled l-Pieta', nhar l-10 ta' Frar, 1971 u residenti gewwa numru 37, St.Francis, Triq Lord Byron, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-indentita bin-numru 140070(M).

Akkuzat talli fil-lejl tad-19 u l-20 ta' Settembru, 2014 u x-xhur ta' qabel din id-data, gewwa n-Naxxar b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmila b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' sigar mill-fond 'Green Suppliers Limited' fi Triq l-Imdawra, Naxxar, liema serq huwa aggaravat bil-hin u bil-valur li jeccedi €232.94 Euro uzda ma jiskorrix €2,329.37 Euro u sar ghad dannu ta' Wigi Micallef u/jew persuna/i ohra.

Rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-oggetti misruqa gew ritornati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------